# Network tal-Punti Fokali

Stabbilit fl-2008, in-Network tal-Punti Fokali (PF) jikkonsisti minn rappreżentanti **mill-awtoritajiet nazzjonali dwar is-sigurtà fl-ikel** tal-Istati Membri (SM), l-Iżlanda u n-Norveġja, kif ukoll osservaturi mill-Iżvizzera u mill-pajjiżi kandidati tal-UE. Il-PF jservu bħala **ċentri ta' konnessjoni** u joperaw f'sistema pluriennali, **flessibbli** u **mfassla apposta**, li tiffoka fuq oqsma differenti ta' ħidma.

**NETWORK TAL-PUNTI FOKALI**

**Punti Fokali Nazzjonali (PF)**

### Forum Konsultattiv (FK)

Il-PF jappoġġjaw il-FK fl-implimentazzjoni prattika ta' attivitajiet relatati man-networking u l-kooperazzjoni xjentifika.

### Organizzazzjonijiet Kompetenti Nazzjonali

Il-PF jimmaniġġjaw il-Lista ta' Organizzazzjonijiet Kompetenti tal-EFSA, jiffaċilitaw in-networking u l-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet, u jiffaċilitaw l-inklużjoni ta' organizzazzjonijiet ġodda fil-lista.

### Networks Xjentifiċi tal-EFSA (NX)

Il-PF iżommu skambji regolari mal-parteċipanti tan-NX, jappoġġjaw il-kooperazzjoni fost il-membri tal-PF, tan-NX, tal-FK u tal-Bord tat-Tmexxija tal-EFSA, kif ukoll il-proċess ta' nomina tal-esperti.

### Atturi nazzjonali rilevanti oħrajn

Il-PF jappoġġjaw l-immappjar tal-għarfien espert fil-livell nazzjonali biex jiżguraw l-identifikazzjoni ta' esperti rilevanti u jżidu l-viżibbiltà tal-ħidma tal-EFSA.

### Pajjiżi Osservaturi

Il-PF tal-SM jaħdmu mill-qrib flimkien ma' rappreżentanti mill-Iżvizzera u l-pajjiżi kandidati tal-UE biex jiżguraw is-sigurtà fl-ikel madwar l-Ewropa.

## ORJENTAZZJONI STRATEĠIKA

### VIŻJONI

Network **adattat għall-iskop** u **sostenibbli** ta' PF nazzjonali li jaħdmu flimkien biex jikkontribwixxu għal sistema **reżiljenti** tas-sigurtà fl-ikel fl-Ewropa.

### MISSJONI

- Il-PF għandhom jaġixxu bħala **ċentri ta' konnessjoni** bejn l-EFSA, l-atturi nazzjonali u l-atturi rilevanti minn pajjiżi oħrajn.
- Il-PF għandhom jindirizzaw il-**ħtiġijiet u l-prijoritajiet** nazzjonali u tal-EFSA għal sistema koeżiva tas-sigurtà fl-ikel fl-Ewropa.
- Il-PF għandhom irawmu l-ħolqien ta' **sħubijiet**.

## OQSMA TA' ĦIDMA

- Ġestjoni tal-għarfien u tal-informazzjoni u appoġġ għall-produzzjoni xjentifika
- Involviment, kollaborazzjoni, u sħubija
- Tisħiħ tal-kapaċitajiet
- *Data*
- Komunikazzjoni tar-riskju

## TIPI TA' ATTIVITAJIET

### ATTIVITAJIET PRINĊIPALI

- Attivitajiet ewlenin tan-network **li jiddefinixxu l-funzjonament** tar-rwol tal-PF
- **Dawn huma l-istess għall-PF kollha u jibqgħu kostanti** matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-qafas
- Jiffaċilitaw **l-iskambju tal-informazzjoni, in-networking u s-sħubijiet**, kif ukoll l-appoġġ operazzjonali għall-FK

### ATTIVITAJIET IMFASSLA APPOSTA

- Attivitajiet li jindirizzaw **il-prijoritajiet speċifiċi** tal-SM u tal-EFSA
- **Proposti mill-SM u/jew l-EFSA**, inklużi l-komunitajiet tagħhom
- Konformi **mal-mandat u l-istrateġija tal-EFSA**
- Iġibu **benefiċċji fuq terminu qasir u medju** għall-ekosistema tas-sigurtà fl-ikel tal-UE
- Jappoġġjaw l-istabbiliment ta' **sħubiji fit-tul**
- Jappoġġjaw **it-tħejjija** għal ħidma futura fuq il-valutazzjoni tar-riskju
- Isegwu approċċ **inklużiv u xprunat mill-għażla**

Għal aktar informazzjoni dettaljata dwar il-kooperazzjoni tal-EFSA mal-Istati Membri, jekk jogħġbok ikkonsulta l-paġna web tal-EFSA dwar L-Istati Membri tal-UE u l-infografika Kif l-EFSA taħdem mal-Istati Membri tal-UE.
Għal aktar dettalji dwar l-Organizzazzjonijiet kompetenti fl-Istati Membri jekk jogħġbok ara l-paġna web tal-EFSA hawnhekk.

**www.efsa.europa.eu**

L-EFSA hija l-korp tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE għas-sigurtà fl-ikel u fl-għalf. F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali u f'konsultazzjoni miftuħa mal-partijiet ikkonċernati tagħha, l-EFSA tipprovdi pariri xjentifiċi indipendenti u komunikazzjoni ċara dwar ir-riskji eżistenti u emerġenti.

© 2023 - Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel – EFSA. L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-EFSA tiġi rikonoxxuta bħala s-sors tal-materjal.

Krediti għar-ritratti: Shutterstock.com

ISBN 978-92-9499-634-3 | doi: 10.2805/232038 | TM-02-23-230-MT-N

EUROPEAN FOOD SAFETY AUTHORITY